# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru: 2**

**Illum 30 ta' April, 2024**

**Rikors Ġuramentat 330/2023 HM**

**Nolan Aquilina**

**u**

**Marita Aquilina**

**v**

**Mario Aquilina**

1. L-atturi ppreżentaw rikors ġuramentat li jgħid hekk (in-numri tal-premessi tneħħew mill-qorti):

> Illi r-rikorrenti huma propjetarji ta' sehem ta' disgha minn ghaxra (9/10) indiviz, u l-intimat Mario Aquilina huwa propjetarju tar-rimanenti wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-propjeta opjeta deskritta bhala boathouse li tinsab fil-pjan terren inkluz l-arja sovrastanti, numru 118, fi Triq Ix-Xatt ta' Santa Marija, Santa Marija Estate, il-Wied ta' Ghajn Zejtuna, Mellieha;
>
> U Billi s-sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-propjeta' ddevolviet ghand l-esponent Nolan Aquilina mill-wirt ta' missieru John Baptist Aquilina,

kif jirrizulta ukoll mit-trasferiment *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina datat tlettax (13) ta' Jannar 2009;

U Billi r-rikorrenti akkwistaw l-ishma ta' tmienja minn ghaxra (8/10) indivizi tal-propjeta hawn fuq imsemmija minghand omm ir-rikorrenti u hutu ad eskluzjoni tal-intimat, u dan permezz tal-att ta' bejgh ippubblikat min-Nutar Dr John Gambin fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A**;

U Billi ghalhekk presenzjalment l-intimat huwa sid ta' wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-propjeta', u r-rikorrenti huma propjetarji ta' disgha minn ghaxra (9/10) indivizi, liema propjeta' hija soggetta ghall-uzufrutt t'ommhom, Agnes Aquilina;

U Billi l-propjeta in kwistjoni m'hijiex ta' natura li tista' tinqasam minghajr ma tigi pregudikata;

U Billi l-propjeta' giet ivvalutata mill-Perit Anthony Gatt fl-ammont ta' mija u erbghin elf ewro (€140,000) u dan kif jirrizulta mir-Rapport tieghu tat-30 ta' Novembru 2022, kopja ta liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument B**;

U Billi r-rikorrenti ma jixtiqux jibqghu jzommu il-propjeta' in komuni, u minkejja diversi tentattivi sabiex jixtru s-sehem tal-intimat, huwa baqa ma accettax li jbiegh;

Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni u provvediment xieraq u opportun joghgobha:

i. Tikkonferma li l-partijiet huma kompropjetarji tal-propjeta hawn fuq imsemmija.
ii. Tikkonferma li l-propjeta mhix komodament divizibbli bejn il-partijiet u l-kwoti rispettivi taghhom.

iii. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-propjeta imsemmija, okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi, billi r-rikavat jigi assenjat skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet, u b'dan ukoll illi jekk wiehed jew wahda mill-partijiet joghgbu joffri, tawtorizza lill-istess parti li joffri *animo compensandi*.

iv. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Il-konvenut ressaq risposta ġuramentata li fiha sostna li l-kawża hi improponibbli għaliex għad hemm eredità ġjaċenti u għalhekk hu intempestiv li jiġi determinat kemm hu s-sehem ta' kull eredi. Intqal ukoll li, għall-istess raġuni, il-kuntratt eżebit bħala Dok A hu null, u l-konvenut irriżerva d-dritt li jibda proċeduri biex jitlob l-annullament tal-imsemmi kuntratt.

3. Wara li l-żewġ naħat ingħataw l-opportunità li jissostanzjaw il-pożizzjoni rispettiva tagħhom permezz ta' affidavits (p. 88 – 90 u p. 92 – 176), il-konvenut għall-ewwel irriżerva l-pożizzjoni tiegħu (p. 178 –179) però waqt is-seduta tat-23 ta' April 2024 ammetta t-talbiet kollha (p. 181).

Għalhekk, il-qorti qiegħda, permezz ta' din is-sentenza:

a. Tikkonferma li l-partijiet huma kompropjetarji tal-proprjetà hawn fuq imsemmija;

b. Tikkonferma li l-proprjetà mhix komodament diviżibbli bejn il-partijiet u l-kwoti rispettivi taghhom;

c. Tordna l-bejgh b'liċitazzjoni tal-proprjetaà imsemmija, jekk meħtieġ bl-assitenza tal-perit Michael Lanfranco, billi r-rikavat jigi assenjat skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet, u b'dan ukoll illi jekk wieħed jew waħda mill-partijiet jogħġbu joffri jew jogħġobha toffri, tawtorizza lill-istess parti li joffri jew toffri *animo compensandi;*

d. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja.

Henri Mizzi
Imhallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur